MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 487/2007

**A B**
**vs**
**C B gja D, E F H xebba G**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-esponent kien izzewweg lill-intimata E F H (xebba G) fid-29 ta’ Dicembru 1963 (Dok. MM1);

Illi l-esponent u l-intimata E F H isseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tat-2 ta’ Marzu 1968 (Dok. MM2);

Illi z-zwieg ta’ bejn l-esponent u l-intimata E F H gie sussegwentement iddikjarat null b’ decizjoni tat-Tribunal

ekklezjastiku ta’ Ruma tal-15 ta’ Dicembru 1971, liema decizjoni giet ikkonfermata mit-Tribunal ta’ l-Appell finalment fl-24 ta’ April 1972 (Dok MM3);

Illi fl-4 ta’ Lulju 1967 twieldet l-intimata C B gia D gewwa Blue Sisters Maternity Home (Dok. MM4);

Illi fl-att tat-twelid tal-intimata C B bin-numru progressiv ta’ l-iskrizzjoni sitt mija u wiehed u tmenin (681) tas-sena 1968, l-esponent gie mnizzel bhala l-missier ta’ l-intimata C B;

Illi kif se jigi ppruvat l-intimata C B gja D m’ hijix il-wild naturali ta’ l-esponent u dan kif ser jigi ppruvat permezz ta’ testijiet xjentifici tad-DNA;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni ohra li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata C B gia D li twieldet mill-intimata E F H fl-4 ta’ Lulju 1967, mhix bint l-esponenti A B kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 681/1968, u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u konsegwentement;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta’ l-intimata C B gia D li jgib in-numru li jmiss ta’ Iskrizzjoni 681/1968 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-esponenti u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “eta’”, “fejn twieled”, “fejn joqghodu”, u “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u minflok jidhol il-kliem “unknown father” jew “father unknown”/jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti, kif ukoll tordna li mill-imsemmi att ghandhom ukoll jigu kancellati l-kliem “the said” mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta’ l-omm, u tordna kull modifika ohra li tista’ tkun mehtiega f’ dan l-att u f’ kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti C B u E F H li biha eccepew:

1. Illi l-azzjoni odjerna hija diga’ res judicata u ghalhekk din l-Onor. Qorti m’ ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, biex l-azzjoni ta’ denegata paternita’ tirnexxi jehtieg li jkunu prezenti l-elementi u l-provi kollha rikjesti mill-Ligi, specjalment in vista tan-natura tal-azzjoni li hija serja u delikata u certament tinfluwixxi fuq il-hajja tal-esponenti C B.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m’ ghandhomx ibatu l-ebda spejjez fil-proceduri odjerni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-6 ta’ Mejju 2008 li permezz tieghu l-konvenuti C B u E F H irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom;

Rat r-risposta guramentata ulterjuri prezentata mill-konvenuta C B fis-7 ta' Mejju 2008, li permezz taghha giet sollevata l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2143 tal-Kap.16;

Rat li l-kawza tinsab differita ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni;

Rat l-atti kollha, inkluzi l-affidavits u n-noti ta' l-osservazzjonijiet prezentati;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2143 tal-Kap.16 tal-Ligjiet ta' Malta, sollevata mill-konvenuta C B, li fattwalment qeda tibbaza din l-eccezzjoni fuq it-trapass tal-perijodu ta' tletin sena mid-data tat-twelid taghha fl-4 ta' Lulju 1967 sad-data li fiha giet prezentata l-kawza odjerna fl-14 ta' Dicembru 2007.

Illi fl-affidavit tieghu, l-attur jghid li l-konvenuta E F G, allura martu li maghha kien ghadu jikkonvivi f' dak iz-zmien, kienet qaltlu li hi kienet tqila, bir-rizultat li huma sseparaw de facto;  u "gimghat wara' l-istess konvenuta kienet informatu li kienet twieldet C B, il-konvenuta l-ohra, fl-4 ta' Lulju 1967.  Dawn il-fatti ma gewx kontradetti.

Minn naha tieghu l-attur qed jopponi ghal din l-eccezzjoni, billi jsostni li qabel l-Att numru VIII tas-sena 2007 huwa ma kellux il-possibilita' li jressaq b' success l-azzjoni ta' de negata paternita, stante [1] li qabel l-Att numru XXI tas-sena 1993 il-ligi fl-allura artikolu 72[1] kienet, ghall-promozzjoni ta' tali azzjoni fuq il-bazi adulterjru, tirrikjedi wkoll ir-rekwizit tal-habi tat-tqala u tat-twelid tat-tarbija; [2] filwaqt li wara dan l-Att, l-azzjoni tieghu kienet issib ostakolu legali minhabba t-terminu ta' sitt xhur kontemplat fl-artikolu 73 kif emendat bl-istess Att.

Dan l-istat tal-ligi kien jimpedixxi li l-attur iressaq b' success l-azzjoni ta' de negata paternita', liema pozizzjoni kienet giet rilevata mill-Qorti Eworpea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil proceduri stitwiti appozitament mill-attur, fl-ismijiet "*B vs Malta*" [*Applikazzjoni 26111/02*] deciza fit-12 ta' Jannar 2006, fejn osservat li " … the applicatnt never had the possibility of introducing with reasonable prospects of success, an action for disavowal. Until 1993 he was prevented from doing so by the concealment requirement, while after the 1993 amendments any such judicial claim would have been time barred." [para.87]

Illi sussegwentement permezz ta' l-Att nurmu VII tas-sena 2007 gie emendat l-artikolu 70 bl-inserzjoni tas-subinciz (4) li permezz taghha t-termini ghall-promozzjoni ta' kawza ta' de negata paternita' gie estiz, fis-sens li "ghar-rigward ta' tifel imwieled qabel 1 ta' Dicembru 1993, ir-ragel jista' wkoll jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg ghar-ragunijiet elenkati fis-subartikolu [1] kif kien fis-sehh wara dik id-data, jekk il-kawza ghac-cahda ta' l-gharfien tat-tifel tigi prezentata mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2008."

Zewg osservazzjonijiet huma opportuni:

[1] Illi quod lex non distinguit nec non distinguere debemus; u ghalhekk la darba din il-ligi ma taghmel ebda restrizzjoni ta' zmien dwar tfal imwieldin qabel l-1 ta' Dicembru 1993, dan ifisser li hija applikabbli <u>ghal kull min twieled qabel din id-data</u>, irrispettivament mid-data tat-twelid tieghu;

[2] Illi jirrizulta car minn qari ta' din id-dispozizzjoni li l-legislatur, bis-sahha ta' din il-ligi, ried jaghti rimedju specifiku ghal min, nonostante li kien jissodisfa r-rekwiziti ta' l-artikolu 70[1] kif fis-sehh wara l-emendi tan-1993, l-azzjoni tieghu xorta wahda kienet sabet ostakolu legali bit-termini stipulati fl-artikolu 73; u l-unika kondizzjoni mposta mill-legislatur f' dan ir-rigward hija li l-kawza trid tigi prezentata mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2008.

Dan l-ispirtu tal-ligi li tassigura li ragel li, f’ xi zmien, ikun jista’ jippromwovi, minghajr ostakoli ta’ termini, l-azzjoni ta’ de negata ta’ paternita, gie imsahhah bl-Att III tas-sena 2008 li emenda l-artikolu 73 fis-sens li ta diskrezzjoni lill-Qorti li, mharsa certu kondizzjonijiet, tawtorizza lir-ragel “f’ kull zmien” biex jistitwixxi tali azzjoni.

Ferm il-premess, hija legalment valida l-konkluzjoni li l-attur ma kellux dritt ta’ azzjoni skond il-ligi qabel l-emenda tas-sena 2007; ghax minn ma jistax jippromwovi azzjoni minnhabba ostakolu legali ma jistax jitqies li ghandu dritt ta’ azzjoni; u ladarba l-attur ma kellux dritt ta’ azzjoni qabel l-imsemmija emenda, allura l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ tletin sena dekorribbli mid-data tat-twelid tal-konvenuta fis-sena 1967 tinsab priva minn fondament legali u fattwali.

Konformament il-Qorti tosserva li huwa monk legalment dak sottomess mill-konvenuta C B li “l-azzjoni ta de negata paternita’ minn dejjem kienet tezisti u fl-1 ta’ Dicembru 1993.. [u] kien hemm biss emenda ghal din l-azzjoni.” Huwa minnu li din l-azzjoni kienet kontemplata mill-legislatur qabel l-imsemmija data, izda, tenut kont tar-rekwiziti ghall-promozzjoni taghha, hija ma kienitx disponibbli ghall-attur, li allura ma jistax validament jinghad li dan kellu dritt ta’ azzjoni.

Dan premes u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li din l-eccezzjoni hija nfondata u ghalhekk qeda tichadha, bl-ispejjez a kariku ta’ l-istess konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------